



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B9-0556/2022**

9.12.2022

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-prospettivi għas-soluzzjoni msejsa fuq il-koeżistenza ta' żewġ Stati għal  
Iżrael u l-Palestina  
(2022/2949(RSP))

**Jordi Solé, Saskia Bricmont, François Alfonsi, Claude Gruffat, Jakop G.  
Dalunde, Grace O'Sullivan, Mounir Satouri, Ana Miranda, Margrete  
Auken, Ernest Urtasun, Rosa D'Amato, Ignazio Corrao**  
fisem il-Grupp Verts/ALE

**B9-0556/2022**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-prospettivi għas-soluzzjoni msejsa fuq il-koeżistenza ta' żewġ Stati għal Iżrael u l-Palestina (2022/2949(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-kunflitt bejn Iżrael u l-Palestina,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-passat mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà Josep Borrell, inkluża dik tat-22 ta' Awwissu 2022 dwar ir-rejds Iżraeljani fuq sitt organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Palestinjana,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kelliem tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) tal-5 ta' Novembru 2022 dwar id-demolizzjonijiet Iżraeljani ta' strutturi Palestinjani,
- wara li kkunsidra r-rapport tas-SEAE tal-20 ta' Lulju 2022 bit-titolu "2021 Report on Israeli settlements in the occupied West Bank, including East Jerusalem" (Rapport tal-2021 dwar l-insedjamenti Iżraeljani fix-Xatt okkupat tal-Punent, inkluża Ġerusalemm tal-Lvant),
- wara li kkunsidra r-rapport tas-SEAE tal-14 ta' Frar 2022 bit-titolu "One Year Report on Demolitions and Seizures in the West Bank, including East Jerusalem" (Rapport ta' Sena dwar id-Demolizzjonijiet u l-Qabdiet fix-Xatt tal-Punent, inkluża Ġerusalemm tal-Lvant),
- wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra<sup>1</sup>, u għall-pożizzjoni tal-UE għat-12-il laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Iżrael, li saret fi Brussell fit-3 ta' Ottubru 2022,
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberalizzazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża, min-naħa l-oħra<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra l-Avviż Interpretattiv tal-Kummissjoni tal-11 ta' Novembru 2015 dwar l-indikazzjoni tal-orìġini ta' prodotti mit-territorji okkupati minn Iżrael sa minn Ġunju 1967<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida Aġġornati tal-UE dwar il-promozzjoni tal-konformità

---

<sup>1</sup> ĠU L 147, 21.6.2000, p. 3.

<sup>2</sup> ĠU L 187, 16.7.1997, p. 3.

<sup>3</sup> ĠU C 375, 12.11.2015, p. 4.

mad-dritt umanitarju internazzjonali<sup>4</sup> u mal-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem,

- wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar il-kunflitt bejn Iżrael u l-Palestina, b'mod partikolari r-Risoluzzjoni 2334 (2016), adottata fit-23 ta' Diċembru 2016,
  - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Prinċipji dwar Arranġamenti Interim ta' Awtogovernanza tat-13 ta' Settembru 1993 (il-Ftehimiet ta' Oslo),
  - wara li kkunsidra l-Inizjattiva Għarbija għall-Paċi tal-2002,
  - wara li kkunsidra r-rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fit-territorji Palestinjani okkupati mill-1967 tal-21 ta' Settembru 2022,
  - wara li kkunsidra l-konvenzjonijiet tan-NU fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u t-trattati tad-dritt umanitarju internazzjonali li tagħhom Iżrael, il-Palestina u l-Istati Membri tal-UE huma Partijiet,
  - wara li kkunsidra l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali,
  - wara li kkunsidra l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej li għadha għaddejja bit-titolu "L-iżgurar tal-konformità tal-Politika Kummerċjali Komuni mat-Trattati tal-UE u mal-liġi internazzjonali",
  - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Ġerusalem dwar l-Antisemitiżmu tal-25 ta' Marzu 2021,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-UE hija magħquda fl-impenn tagħha għas-soluzzjoni msejsa fuq il-koeżistenza ta' żewġ Stati – ibbażata fuq il-Linja ħadra tal-1967 u l-parametri stabbiliti fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2014 – li jippermettu lil Iżrael u lil Stat Palestinjan sovrani u kontigwi jgħixu ħdejn xulxin fil-paċi, is-sigurtà u r-rikonossiment reċiproku, b'Ġerusalem isservi bħala l-belt kapitali taż-żewġ Stati;
- B. billi matul ħafna snin, il-proċess ta' paċi bejn Iżrael u l-Palestina waqaf u l-komunità internazzjonali, b'mod partikolari l-UE u l-Istati Membri tagħha, saret dejjem anqas interessati fir-rigward tar-risoluzzjoni tiegħu; billi l-kunflitt jibqa' tħassib b'saħħtu fl-opinjoni pubblika madwar l-Ewropa kollha;
- C. billi r-realtajiet ta' kuljum tal-vjolenza, inklużi l-episodji regolari ta' kunflitti armati u atti ta' terroriżmu krudili, u l-okkupazzjoni fit-tul huma impedimenti serji għas-soluzzjoni paċifika tal-kunflitt;
- D. billi l-bini tal-insedjamenti Iżraeljani qed ikompli bla waqfien, b'mod partikolari f'Ġerusalem tal-Lvant; billi fl-2021, Iżrael bena 22 030 unità ġdida ta' insedjament, li jikkostitwixxu żieda sinifikanti meta mqabbla mal-2020; billi skont l-Uffiċċju tar-

---

<sup>4</sup> ĠU C 303, 15.12.2009, p. 12.

Rappreżentant tal-Unjoni Ewropea, l-istabbiliment ta' insedjamenti Iżraeljani żdied b'mod esponenzjali fl-2021 meta mqabbel mal-2020, u dan saħħaħ xejra li ilha teżisti ta' żieda fl-espansjoni tal-insedjamenti; billi l-membri ewlenin tal-Gvern ta' koalizzjoni Iżraeljan li jmiss, inkluż Bezalel Smotrich, li l-Partit Żjonista Reliġjuż tiegħu se jkollu ministru fil-ministeru tad-difiża responsabbli għas-sorveljanza tal-insedjamenti Iżraeljani fix-Xatt tal-Punent, esprimew l-intenzjoni tagħhom li jespandu l-insedjamenti, li jittrasferixxu r-responsabbiltà għall-amministrazzjoni ċivili tax-Xatt tal-Punent u li jagħmluh anness formalment miegħu;

- E. billi r-Riżoluzzjoni 2334 (2016) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tenniet li l-istabbiliment ta' insedjamenti fl-Awtorità Palestinjana okkupata mill-1967, inkluża Ġerusalem, huwa illegali;
- F. billi l-poplu Palestinjan għandu d-dritt għall-awtodeterminazzjoni kif stabbilit fil-Karta tan-NU u kif sostnut ripetutament mill-korpi tan-NU, inkluża l-Assemblea Ġenerali, il-Kunsill tas-Sigurtà u l-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem / il-Kummissjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;
- G. billi l-organizzazzjonijiet ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem Iżraeljani, Palestinjani u internazzjonali, kif ukoll diversi Rapporteurs Speċjali tan-NU, inkluż ir-Rapporteur Speċjali Francesca Albanese fl-aktar rapport reċenti tagħha ta' Settembru 2022, spiss iddenunzjaw atti inumani u abbużi oħra tal-libertajiet fundamentali mill-awtoritajiet Iżraeljani fit-territorji Palestinjani okkupati u kkonkludew li l-Gvern Iżraeljan sistematikament jgħakkes u jiddiskrimina b'mod istituzzjonali kontra l-Palestinjani madwar Iżrael u t-territorji Palestinjani okkupati;
- H. billi f'Marzu 2021, il-Qorti Kriminali Internazzjonali fetħet investigazzjoni preliminari dwar is-sitwazzjoni fil-Palestina;
- I. billi skont l-Uffiċċju tar-Rappreżentant tal-Unjoni Ewropea, fl-2021, id-demolizzjonijiet u l-qabdiet fix-Xatt tal-Punent, inkluża Ġerusalem tal-Lvant, imwettqa mill-awtoritajiet Iżraeljani laħqu l-ogħla livell f'ħames snin; billi b'kollox twaqqfu 904 strutturi, li minnhom 140 ġew iffinanzjati mill-UE jew mill-Istati Membri tal-UE; billi fl-2021, 1 205 persuni ġew spostati b'mod furzat, inklużi 650 tifel u tifla, li jirrappreżenta żieda ta' 20 % fl-ispostament furzat meta mqabbel mal-2020;
- J. billi f'Mejju 2022, il-Qorti Suprema ta' Iżrael iddeċidiet li ma kien hemm l-ebda ostaklu legali għat-tkeċċija ppjanata ta' residenti Palestinjani minn Masafer Yatta u sussegwentement twaqqgħu djar, postijiet ta' kenn għall-annimali u l-aktar reċentement skola primarja, u dan ġie għel lir-residenti jitolqu mill-art tagħhom biex ikun jista' jsir taħriġ militari fiż-żona;
- K. billi l-annessjoni (*de facto* u *de jure*) hija strettament ipprojbata skont id-dritt internazzjonali u tikkostitwixxi ksur tal-Karta tan-NU u tal-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra; billi l-ksib bil-forza tat-territorju ġie ddikjarat inammissibbli minn għadd ta' riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU; billi hemm obbligu legali għall-partijiet terzi li jżommu lura minn atti li jistgħu jservu biex jirrikonossu s-sitwazzjoni illegali li tirriżulta mill-annessjoni u minn obbligu pożittiv biex jikkooperaw ma' Stati oħra ħalli jfittxu, permezz ta' mezzi legali, it-tmiem ta' tali sitwazzjoni illegali;

- L. billi ċ-Ċentru ta' Informazzjoni Iżraeljan għad-Drittijiet tal-Bniedem fit-Territorji Okkupati ddokumenta 270 każ ta' vjolenza kontra l-abitanti ta' insedjamenti fil-konfront tal-Palestinjani fix-Xatt tal-Punent bejn Jannar u Lulju 2022;
- M. billi skont l-Uffiċċju tan-NU għall-koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji, bejn l-1 ta' Jannar u l-21 ta' Novembru 2022, forzi jew abitanti ta' insedjamenti Iżraeljani qatlu 168 Palestinjan fix-Xatt tal-Punent, fl-Istrixxa ta' Gaża u f'Iżrael; billi skont l-istess sors, bejn l-1 ta' Jannar u l-15 ta' Novembru 2022, gruppi armati Palestinjani u individwi qatlu 19-il Iżraeljan fix-Xatt tal-Punent u f'Iżrael;
- N. billi skont iċ-Ċentru Palestinjan għad-Drittijiet tal-Bniedem, fl-2022, il-Forzi ta' Difiża ta' Iżrael (IDF) wettqu 8 094 inkursjoni fix-Xatt tal-Punent, inkluża Ġerusalemm tal-Lvant okkupata, li matulhom ġew arrestati 4 496 Palestinjan, inklużi 443 tifel u tifla; billi l-IDF wettqu wkoll 34 inkursjoni limitata fl-Istrixxa ta' Gaża u arrestaw 105 Palestinjani, inklużi 64 sajjied;
- O. billi l-esperti tan-NU fakkru li l-ordni ta' deportazzjoni Iżraeljana kontra l-attivista Franċiż-Palestinjan Salah Hamouri tista' tikkostitwixxi delitt tal-gwerra u li d-deportazzjoni bil-forza ta' persuni protetti mit-territorju okkupat u l-fatt li dawn jiġu mġiegħla juru l-lealtà tagħhom fil-konfront tal-awtorità okkupati jikkostitwixxu ksur gravi tad-dritt umanitarju internazzjonali;
- P. billi fit-18 ta' Awwissu 2022. l-IDF ħatfu, issiġillaw u għalqu l-uffiċċji ta' sitt organizzazzjonijiet mhux governattivi Palestinjani: Al-Ħaq, Addameer, Union of Palestinian Women's Committees, Union of Agricultural Work Committees, Bisan Center for Research and Development u Defense for Children International – Palestine;
- Q. billi koalizzjoni ta' organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem kixfet u kkundannat l-iħħekkjar ta' sitt apparati tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem Palestinjani permezz tas-software ta' spjunaġġ Pegasus tal-Grupp NSO; billi tlieta mid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-mira ġejjin minn gruppi prominenti tas-soċjetà ċivili Palestinjana;
- R. billi skont rapporti kredibbli, matul dawn l-aħħar sentejn, il-militar Iżraeljan għamel sforz wiesa' ta' sorveljanza fix-Xatt okkupat tal-Punent biex jimmonitorja lill-Palestinjani billi jintegra r-rikonoxximent tal-wiċċ ma' network dejjem jikber ta' kameras u ta' smartphones; billi l-Palestinjani fit-territorji okkupati huma affettwati b'mod sproporzjonat mis-sistemi ta' sorveljanza;
- S. billi l-Istrixxa ta' Gaża ilha taħt imblokk għal 15-il sena, u b'hekk qabdet żewġ miljun abitant f'żona ta' 40 bi 11-il kilometru kwadru; billi skont il-Bank Dinji, 53 % tar-residenti tal-Istrixxa ta' Gaża jgħixu taħt il-linja tal-faqar; billi skont Physicians for Human Rights – Iżrael, l-okkupazzjoni Iżraeljana, inkluż l-assedju tal-Istrixxa ta' Gaża, kellha impatt devastanti fuq il-kura tas-saħħa għall-Palestinjani, peress li ħafna nies ġew imċaħħda mill-aċċess għall-kura medika u jiffaċċjaw nuqqas serju ta' mediċini essenzjali, apparat mediku, u persunal tas-saħħa speċjalizzat;
- T. billi fl-20 ta' Ottubru 2022, il-Koordinazzjoni ta' Iżrael tal-Attivitajiet tal-Gvern fit-Territorji (COGAT) ħarġet proċedura ġdida għad-dħul ta' barranin fiż-żoni ta' Judea u Samaria, li tirrikjedi li l-barranin kollha, inklużi ċ-ċittadini tal-UE, minn Ottubru 2022, jitolbu permess biex jidħlu fix-Xatt tal-Punent; billi r-regoli l-ġodda tal-COGAT

għandhom il-potenzjal li jillimitaw il-kapaċità tal-barranin li jżuru l-konjuġi Palestinjani tagħhom, kif ukoll il-kapaċità tal-voluntiera, tal-akkademiċi u tan-nies tan-negozju milli jivvjaġġaw u jaħdmu fix-Xatt tal-Punent;

- U. billi l-UE u Iżrael igawdu relazzjonijiet istituzzjonali mill-qrib u komprensivi u dan l-aħħar reġġu bdew il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tagħhom; billi l-UE appoġġjat b'mod konsistenti d-dritt ta' Iżrael li jeżisti bi fruntieri siguri; billi l-UE u Iżrael iżommu relazzjonijiet mill-qrib fl-oqsma tal-kummerċ (l-UE tirrappreżenta terz tal-kummerċ ta' Iżrael, timporta madwar EUR 15-il biljun ta' prodotti u servizzi minn Iżrael u timporta 15-il darba aktar oġġetti minn insedjamenti Iżraeljani (mingħajr tariffi preferenzjali) milli mill-Palestinjani fl-istess territorju), l-agrikoltura, l-avjazzjoni, ir-riċerka, il-kultura, il-kooperazzjoni transfruntiera u l-kooperazzjoni tal-pulizija; billi Iżrael jibbenefika mill-programm Orizzont Ewropa għar-riċerka u l-innovazzjoni, mill-programm Ewropa Kreattiva għall-kultura u mill-programm Erasmus+ għall-kooperazzjoni fl-edukazzjoni;
  - V. billi l-Eġittu, Franza, il-Ġermanja u l-Ġordan ħolqu l-format ta' Munich fl-2020; billi l-ministri barranin tal-Format ta' Munich Itaqgħu erba' darbiet fl-2020, darba f'Pariġi fl-2021 u darb'oħra fi New York fl-2022 bil-ħsieb li javvanzaw il-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani lejn paċi ġusta, komprensiva u dejjiema abbażi tas-soluzzjoni msejsa fuq il-koeżistenza ta' żewġ Stati;
  - W. billi l-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-refuġjati tal-Palestina fil-Lvant Qarib (UNRWA) qed tiffaċċja sfidi komprensivi biex iżżomm il-mandat tagħha, li dan l-aħħar ġie mġedded sa Ġunju 2026 mill-Assemblea Ġenerali tan-NU;
1. Itenni l-pożizzjoni dejjiema tiegħu li s-soluzzjoni msejsa fuq il-koeżistenza ta' żewġ Stati abbażi tal-fruntieri tal-1967, b'Ġerusalemm bħala l-belt kapitali taż-żewġ Stati, hija l-uniku mod kif tinkiseb paċi dejjiema u ġusta bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani u biex titrawwem l-istabbiltà reġjonali;
  2. Jiddeplora li l-proċess ta' paċi bejn Iżrael u l-Palestina waqaf u li l-UE u l-Istati Membri tagħha f'it li xejn għamlu sforzi biex javvanzaw l-għanijiet ta' politika dikjarati tagħhom u jżommu lill-atturi kollha responsabbli għall-imġiba li tmur kontra l-proċess ta' paċi;
  3. Jistieden lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/HR), lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani, lis-SEAE u lill-Istati Membri tal-UE jġeddu l-isforzi tagħhom biex isibu soluzzjoni dejjiema għall-kunflitt bejn Iżrael u l-Palestina, inkluż billi tinbeda strateġija kkoordinata fost l-Istati Membri tal-UE biex tiġi rikonoxxuta s-sovranità Palestinjana; jilqa' inizzjattivi bħall-Format ta' Munich u jħeġġeġ lis-SEAE u lill-Istati Membri tal-UE jieħdu inizzjattiva Ewropea biex is-soluzzjoni msejsa fuq il-koeżistenza ta' żewġ Stati terġa' taqbad it-triq it-tajba;
  4. Jikkundanna l-espansjoni kontinwa tal-insedjamenti Iżraeljani, b'mod partikolari l-avvanz sostanzjali tal-kostruzzjoni tal-insedjamenti f'Ġerusalemm tal-Lvant, li tikkostitwixxi ksur flagranti tad-dritt internazzjonali u tirrappreżenta impediment ewlieni għall-vijabbiltà u l-prospetti għas-soluzzjoni msejsa fuq il-koeżistenza ta' żewġ Stati; jistieden lill-awtoritajiet Iżraeljani jwaqqfu u jreġġgħu lura minnufih il-politika tagħhom dwar l-insedjament illegali u jwaqqfu immedjatament l-iżgumbramenti

sfurzati, id-demolizzjonijiet u l-qbid ta' strutturi fit-territorji Palestinjani okkupati, li ħafna minnhom kienu ffinanzjati mill-UE; jitlob li l-UE tibqa' soda dwar din il-kwistjoni;

5. Jikkundanna mingħajr riżerva l-attakki terroristiċi kontra l-popolazzjoni Iżraeljana u l-attakki tal-missili minn gruppi Palestinjani militanti fl-Istrixxa ta' Gaża;
6. Jistieden lill-awtoritajiet Iżraeljani jikkonformaw mar-responsabbiltajiet u l-obbligi ta' Iżrael bħala awtorità okkupanti skont id-dritt internazzjonali u jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem tal-Palestinjani, inklużi dawk fit-territorji Palestinjani okkupati; jikkundanna l-vittmi ċivili u l-ħsara devastanti lill-oġġetti u lill-infrastruttura ċivili mill-IDF; jistieden lill-IDF jikkonformaw mad-dritt umanitarju internazzjonali u jikkundanna n-nuqqas ta' obbligu ta' rendikont għall-ksur; iħeġġeġ lil Iżrael iwaqqaf il-prattika mifruxa tiegħu li jżomm mijiet ta' Palestinjani, inklużi t-tfal, f'detenzjoni amministrattiva mingħajr proċess jew akkuża abbażi ta' evidenza sigrieta; jistieden lil Iżrael itemm kwalunkwe programm ta' sorveljanza fix-Xatt tal-Punent u jirrispetta d-dritt tal-privatezza taċ-ċittadini Palestinjani;
7. Jikkundanna l-ordni ta' deportazzjoni għal Salah Hamouri u jħeġġeġ lill-awtoritajiet Iżraeljani ma jwettqux dan, peress li dan jikkostitwixxi ksur gravi tad-dritt umanitarju internazzjonali; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Iżraeljani biex minnufih jeħilsu lil Salah Hamouri; jistieden lill-awtoritajiet Iżraeljani jwaqqfu t-trasferiment illegali ta' persuni minn Ġerusalem tal-Lvant u jirrispettaw id-drittijiet tar-residenti Palestinjani fihom;
8. Huwa maħsud biż-żieda inkwetanti fil-vjolenza fl-insedjamenti, u jistieden lill-awtoritajiet Iżraeljani jagħtu struzzjonijiet lill-membri tal-IDF preżenti fix-Xatt tal-Punent biex jipprevjenu kwalunkwe inċident bħal dan u jżommu lill-awturi kollha responsabbli ta' għemilhom;
9. Jikkundanna l-ġheluq tal-Istrixxa ta' Gaża, li kellu impatt devastanti fuq il-popolazzjoni maqbuda u qed jagħti spinta lir-radikalizzazzjoni; jistieden lill-Gvern Iżraeljan ineħħi l-imblokk u jippermetti l-passaġġ mhux ristrett ta' persuni u oġġetti bejn il-Istrixxa ta' Gaża, ix-Xatt tal-Punent u l-bqija tad-dinja; jistieden lill-awtoritajiet Eġizzjani jtemmu kwalunkwe miżura restrittiva fuq il-moviment ta' persuni u oġġetti minn u lejn l-Istrixxa ta' Gaża;
10. Jikkundanna l-qtil tal-ġurnalista Palestinjana-Amerikana Shireen Abu Akleh matul attakk militari Iżraeljan fix-Xatt tal-Punent, li, skont il-militar Iżraeljan, jista' b"possibbiltà kbira" jiġi attribwit għal sparar bl-armi mill-IDF; iħeġġeġ lil Iżrael biex jipprosegwixxi lil dawk responsabbli għall-mewtha u jikkoopera mal-investigazzjonijiet internazzjonali;
11. Jiddenunzja l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem mill-Istati li jużaw is-software ta' spjunaġġ Pegasus tal-Grupp NSO u jappella għal inkjesti immedjati, imparzjali u trasparenti dwar dawn l-abbużi;
12. Jieħu nota tal-fatt li bħalissa qed jiġi ffurmat Gvern ta' koalizzjoni Iżraeljan għid immexxi minn Benjamin Netanyahu, u dan jinkludi partiti tal-lemin estrem, reliġjużi-nazzjonalisti, kontra l-Għarab u anti-LGBTIQ; jitlob lill-UE timmonitorja mill-qrib il-formazzjoni u l-ewwel passi tal-Gvern Iżraeljan li jmiss u twieġeb kif xieraq;

13. Jikkundanna l-isforzi sistematiċi tal-Awtorità Palestinjana biex tagħlaq haġq dawk li ma jaqblux, inkluż bl-arrest arbitrarju ta' kritiċi u opposenti, li spiss ikunu soġġetti għal tortura jew għal trattament ħażin ieħor, u billi tillimita l-libertà ta' espressjoni, assoċjazzjoni u għaqda; jikkundanna l-qtil mill-forzi Palestinjani tal-attivista prominenti u kritiku Nizar Banat, li ġie msawwat sa ma miet waqt li kien taħt kustodja, u jiddeplora n-nuqqas persistenti ta' rfiġ ta' responsabbiltà għal mewtu;
14. Jistieden lill-forzi Palestinjani kollha biex jagħmlu sforzi ġenwini lejn ir-rikonċiljazzjoni nazzjonali; jiddeplora n-nuqqas persistenti li jsiru elezzjonijiet leġiżlattivi u presidenzjali fil-Palestina; jitlob li dawn l-elezzjonijiet isiru mingħajr dewmien u li l-UE tipprovdi l-assistenza politika u teknika kollha meħtieġa biex tiffaċilita dan il-proċess, b'mod partikolari f'Ġerusalem tal-Lvant;
15. Jistieden lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani, lis-SEAE u lill-Istati Membri tal-UE jużaw il-kuntatti kollha ma' Iżrael biex itennu l-insistenza tagħhom għat-tmiem tal-espansjoni tal-insedjamenti, id-demolizzjoni ta' strutturi fix-Xatt tal-Punent u l-użu ta' forza sproporzjonata kontra l-Palestinjani; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex titlob kumpens finanzjarju għall-qerda ta' strutturi ffinanzjati mill-UE fix-Xatt tal-Punent, inkluża Ġerusalem tal-Lvant;
16. Jistieden lis-SEAE, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw ulterjorment politika ta' differenzjazzjoni li tagħmel distinzjoni bejn il-proprja Iżrael u t-territorji annessi u okkupati, f'konformità mar-Riżoluzzjoni 2334 (2016) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, u li tiġi żviluppata ulterjorment politika tal-UE li għandha tiġi applikata b'mod konsistenti fl-ambitu sħiħ tar-relazzjonijiet bilaterali tal-UE ma' Iżrael; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprevjenu lill-kumpaniji bbażati fl-UE milli jagħmlu negozju ma' insedjamenti illegali fit-territorji okkupati u fihom;
17. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw l-inizjattivi kollha biex jinżamm l-obbligu ta' rendikont għall-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali u tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari permezz tal-appoġġ għall-ħidma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali fl-investigazzjoni ta' ksur potenzjali tal-Istatut ta' Ruma fit-territorji Palestinjani u dak tal-Kummissjoni Internazzjonali Indipendenti ta' Inkjesta tan-NU dwar it-Territorju Palestinjan Okkupat, inkluża Ġerusalem tal-Lvant, u f'Iżrael;
18. Jistieden lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri tal-UE jesprimu l-oġġezzjonijiet tagħhom għall-politika restrittiva l-ġdida ta' Iżrael dwar id-dħul u l-permanenza tal-barranin fix-Xatt tal-Punent; jistieden lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri tal-UE jfakkru lil Iżrael li jeħtieġ jirrispetta r-rekwiżiti ta' reċiproċità fl-ambitu tar-reġim tiegħu mingħajr viża mal-UE;
19. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-konformità mad-dritt Ewropew u internazzjonali fl-iżborż tagħha ta' fondi bilaterali jew regionali tal-UE lil Iżrael, inkluż fil-kuntest tal-parteċipazzjoni tagħha fi programmi tal-UE bħal Orizzont Ewropa;
20. Jistieden lill-Kunsill Ewropew u lill-Kummissjoni jikkunsidraw li jadottaw miżuri mmirati kontra individwi Iżraeljani li jkunu qed imexxu l-ippjanar u l-implimentazzjoni



tal-espansjoni tal-insedjamenti fix-Xatt tal-Punent, inkluża Ġerusalem tal-Lvant;

21. Jissottolinja li l-Kummissjoni ma għandha tissospendi l-ebda fond għas-soċjetà ċivili Palestinjana jew għall-Awtorità Palestinjana mingħajr evidenza tanġibbli ta' użu ħażin; jistieden lill-awtoritajiet Iżraeljani jreġġgħu lura d-deżinjazzjoni tagħhom ta' gruppi ewlenin tas-soċjetà ċivili Palestinjana bħala "organizzazzjonijiet terroristiċi" u jippermettulhom ikomplu l-ħidma essenzjali tagħhom;
22. Jitlob lill-UE tiegħu l-inizjattiva biex tippromwovi moratorju immedjat u globali fuq il-bejgħ, it-trasferiment u l-użu tat-teknoloġija tas-software ta' spjunaġġ u tagħmel sforzi biex tistabbilixxi projbizzjoni internazzjonali fuq sistemi intrużivi ta' software ta' spjunaġġ;
23. Ifakkar li l-inklużjoni tat-territorji Palestinjani okkupati fi ftehim bejn l-UE u Iżrael dwar l-iskambju ta' data personali bejn il-Europol u l-awtoritajiet kompetenti ta' Iżraeljani tmur kontra d-dritt internazzjonali; jikkondividi l-iskuntentizza espressa mill-Istati Membri fil-Kunsill dwar tali inklużjoni potenzjali;
24. Jistieden lid-Delegazzjoni tal-UE għal Iżrael u lill-missjonijiet diplomatiċi tal-Istati Membri f'Iżrael jiltaqgħu u jappoġġjaw b'mod sistematiku d-drittijiet tal-bniedem u l-attivisti tal-paċi, li mingħajrhom is-soluzzjoni ta' żewġ Stati se tibqa' elużiva; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħa l-assistenza finanzjarja tal-UE lis-soċjetà ċivili u lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tal-Iżraeljani u tal-Palestina, b'mod partikolari lil dawk li jippromwovu d-drittijiet indaqs u jiddokumentaw il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, u żżid l-assistenza tal-UE lill-organizzazzjonijiet li jaħdmu fuq id-drittijiet u l-għajxien tal-Palestinjani f'Iżrael, fit-territorji annessi u fl-enklavi iżolati;
25. Jilqa' t-tħabbira tal-UE tal-intenzjoni tagħha li timpenja ruħha għal finanzjament pluriennali għall-UNRWA u jfakkar fit-test konġunt dwar il-baġit ġenerali tal-UE għas-sena finanzjarja 2023, li speċifikament jappella għal kontribuzzjonijiet addizzjonali għall-UNRWA fl-2023; jappella lill-komunità internazzjonali biex tkompli tappoġġja lill-UNRWA mill-aspett politiku u finanzjarju bi skema ta' finanzjament sostenibbli biex ittaffi b'mod preventiv l-effetti negattivi tal-kriżijiet finanzjarji;
26. Jiddeplora bil-qawwa l-fatt li l-Parlament ilu jinżamm milli jżur il-Istrixxa ta' Gaża għal aktar minn għaxar snin u li diversi Membri tiegħu huma pprojbiti milli jidhru f'Iżrael; jappella għal azzjoni determinata biex jitneħħew dawn ir-restrizzjonijiet; jitlob li jkun hemm delegazzjoni *ad hoc* għall-Istrixxa ta' Gaża u x-Xatt tal-Punent biex tivvaluta s-sitwazzjoni fil-post u tħeġġeġ it-tkomplija tal-isforzi Ewropej u internazzjonali lejn soluzzjoni tal-kunflitt;
27. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Koordinatur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani, lill-Knesset u lill-Gvern ta' Iżrael u lill-President tal-Awtorità Palestinjana.